



2021/0106(COD)

14.6.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni (COM(2021)0206 – C9-0146/2021 – 2021/0106(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Eva Maydell

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Introduzzjoni

Ir-Rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u speċjalment l-approċċ orizzontali bbażat fuq ir-riskju li tipproponi. Dan l-approċċ se jippermetti l-iżvilupp ta' sistemi tal-IA f'konformità mal-valuri Ewropej u t-trawwim tal-fiduċja soċjali f'dawn it-teknoloġiji l-ġodda, sabiex l-UE tkun tista' twettaq il-benefiċċji sħaħ ekonomiċi u soċjali tal-IA.

Ir-Rapporteur hija tal-opinjoni li permezz tal-Att dwar l-IA, għandna bżonn noħolqu ambjent bil-bilanċ xieraq bejn il-libertà u s-superviżjoni. Ir-Rapporteur tipproponi li jsiru dispożizzjonijiet ulterjuri sabiex il-kumpaniji, speċjalment in-negozji ġodda u l-SMEs, jibqgħu kompetittivi u kreattivi quddiem l-obbligi l-ġodda meħtieġa minnhom. Ir-Rapporteur temmen li dan se jżid kemm il-leġittimità kif ukoll ir-rilevanza tal-Att dwar l-IA. Għandna nipprovdu lill-kumpaniji b'linji gwida aktar ċari, għodod aktar sempliċi u riżorsi aktar effiċjenti biex ilaħħqu mar-regolamentazzjoni. Dan jippermettilna nappoġġaw l-innovazzjoni, l-iżvilupp u l-adozzjoni fis-suq tal-IA.

Għalhekk, l-abbozz tar-Rapporteur jindirizza erba' oġettivi ewlenin f'din id-direzzjoni:

1. It-titjib tal-miżuri li jappoġġaw l-innovazzjoni, bħal dawk previsti għal sandboxes regolatorji, b'enfasi partikolari fuq in-negozji ġodda u l-SMEs;
2. Il-provvista ta' definizzjoni konċiża u rikonoxxuta fuq livell internazzjonali ta' Sistema ta' Intelliġenza Artifiċjali u l-istabbiliment ta' standards għoljin iżda realistiċi għall-akkuratezza, ir-robustezza, iċ-ċibersigurtà u d-data;
3. L-inkoraġġiment tal-adozzjoni ta' sistemi tal-IA mill-industrija billi ssir enfasi fuq il-fiduċja soċjali u r-responsabbiltà tal-katina tal-valur;
4. Il-validità fil-futur tal-Att permezz ta' rabetta aħjar mat-tranżizzjoni ekoloġika u t-tibdil possibbli fl-industrija, fit-teknoloġija u fis-setgħa tal-IA.

Dan l-abbozz ta' opinjoni jiffoka prinċipalment fuq kwistjonijiet relatati mal-kompetenzi tal-Kumitat ITRE iżda wkoll fuq kwistjonijiet usa' relatati mal-innovazzjoni, il-kompetittività, ir-riċerka, is-sostenibbiltà u t-tibdil futur fl-industrija.

L-appoġġ tal-innovazzjoni, enfasi fuq in-negozji l-ġodda u l-SMEs, it-titjib tas-sandboxes regolatorji

Ir-Rapporteur tilqa' l-introduzzjoni tal-Artikolu 55 dwar miżuri għal fornituri fuq skala żgħira, iżda temmen li l-SMEs u n-negozji ġodda għandhom ikunu aktar involuti matul l-Att dwar l-IA f'approċċ olistiku. B'mod aktar speċifiku, fl-iżvilupp tal-Kodiċijiet ta' Kondotta, l-istandardizzazzjoni u r-rappreżentazzjoni fil-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali. Bil-bosta, wieħed mill-ikbar punti ta' enfasi għar-Rapporteur huwa l-għoti ta' opportunitajiet lill-SMEs u n-negozji ġodda biex jipparteċipaw fis-sandboxes regolatorji tal-IA. Għalhekk ir-Rapporteur tipproponi li jissaħħu d-dispożizzjonijiet eżistenti billi s-sandboxes regolatorji jingħataw dimensjoni aktar Ewropea, li tippreżerva l-unità tas-Suq Uniku u li tappella għall-iżvilupp ta' Programm ta' Sandboxing Regolatorju tal-IA tal-UE li l-modalitajiet tiegħu huma stabbiliti f'Anness ġdid.

Definizzjoni ċara u standards realistiċi

Ir-Rapporteur tappella għall-użu ta' definizzjoni rikonoxxuta fuq livell internazzjonali ta'

Sistema ta' Intelliġenza Artifiċjali, li tkun konformi mal-miri usa' tal-UE għall-istabbiliment ta' standards globali, b'bidma mill-qrib ma' sħab transatlantiċi u alleati tal-istess fehma u li tipprovdi ċertezza tad-dritt għan-negozji, iċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili. Ir-Rapporteur temmen li standards għoljin għall-akkuratezza, ir-robustezza u ċ-ċibersigurtà kif ukoll għal data u governanza tad-data huma kruċjali għall-iżvilupp ta' sistemi sikuri tal-IA li jipproteġu d-drittijiet fundamentali. F'dan l-aspetti, il-punt kruċjali huwa li jiġi bbilanċjat dan l-għan mal-approċċ prattiku u pramatiku meħtieġ għall-ilħuq tiegħu. Ir-Rapporteur tappella għal awtorità komuni Ewropea għal dik li hija valutazzjoni komparattiva li tgħaqqad flimkien l-awtoritajiet nazzjonali tal-metroloġija u tal-valutazzjoni komparattiva biex jistabbilixxu approċċ unifikat għall-kejl tal-akkuratezza, ir-robustezza, u kriterji oħra rilevanti.

L-inkoraġġiment tal-adozzjoni ta' sistemi tal-IA, it-trawwim tal-fiduċja soċjali, ir-responsabbiltà tal-katina tal-valur

Sabiex jiġu mħeġġa l-adozzjoni u l-varar ta' sistemi tal-IA, ir-Rapporteur temmen li huwa meħtieġ li nrawmu l-fiduċja soċjali kemm tan-negozji kif ukoll taċ-ċittadini. Ir-Rapporteur tfittex li tindirizza l-isfida tal-fiduċja soċjali billi tinkoraġġixxi relazzjoni kollaborattiva bejn l-iżviluppaturi u l-utenti tal-IA li hija allinjata aħjar mar-responsabbiltajiet tagħhom tul il-katina tal-valur, issaħħaħ il-Kodiċijiet ta' Kondotta u ttejjeb il-miżuri dwar is-sandboxes regolatorji sabiex jippermettu l-konformità bit-tfassil. Dan min-naħa l-oħra joħloq ekosistema b'saħħitha u integrata, li tgħin biex titnaqqas l-inċertezza tad-dritt u l-lakuni fl-implimentazzjoni, li kollha kemm huma b'hekk se jżidu l-fiduċja soċjali.

Il-validità fil-futur, is-sostenibbiltà u t-tibdil fl-industrija u s-setgħa tal-IA

L-IA hija teknoloġija matura u lesta għall-użu li tista' tintuża biex tipproċessa l-ammont dejjem jikber ta' data matul il-proċessi industrijali. Sabiex jiġu ffaċilitati investimenti għal analiżi bbażata fuq l-IA u soluzzjonijiet ta' ottimizzazzjoni, dan ir-Regolament għandu jipprovdi ambjent prevedibbli għal soluzzjonijiet industrijali b'riskju baxx. Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu jqis il-bidliet futuri fl-industrija u fis-setgħa tal-IA. Għalhekk ir-Rapporteur tipproponi involviment kbir ta' Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali kemm mal-Kummissjoni kif ukoll mal-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali kif ukoll il-monitoraġġ tax-xejriet tas-suq u prospettiva mill-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitati responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tagħhom:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

(3a) Barra minn hekk, sabiex l-Istati Membri jilħqu l-miri klimatiċi tagħhom u jilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti, il-kumpaniji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu mħeġġa jużaw l-avvanzi teknoloġiċi disponibbli fit-twettiq ta' dan l-għan. L-AI hija teknoloġija żviluppata sew u lesta għall-użu li tista' tintuża biex tipproċessa ammont dejjem jikber ta' data matul il-proċessi industrijali. Sabiex jiġu ffaċilitati l-investimenti fl-analiżi bbażata fuq l-AI u s-soluzzjonijiet ta' ottimizzazzjoni li jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi ambjent prevedibbli u proporzjonat għal soluzzjonijiet industrijali b'riskju baxx. Biex tiġi żgurata l-koerenza, dan jirrikjedi li s-sistemi tal-AI nfushom jeħtieġu li jkunu mfassla b'mod sostenibbli biex inaqqsu l-użu tar-riżorsi u l-konsum tal-enerġija, u b'hekk jillimitaw il-ħsara lill-ambjent.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 3b (ġdida)

(3b) Barra minn hekk, sabiex jiġrawwem l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali f'konformità mal-valuri tal-Unjoni, l-Unjoni teħtieġ li tindirizza l-lakuni u l-ostakoli ewlenin li qed jimblukkaw il-potenzjal tat-trasformazzjoni diġitali inkluż in-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet diġitali, it-tħassib dwar iċ-ċibersigurtà, in-nuqqas ta' investiment u tal-aċċess għall-investiment, u lakuni eżistenti u potenzjali bejn il-kumpaniji kbar u l-SMEs. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-intelliġenza

artifiċjali u l-innovazzjoni fit-teknoloġiji ġodda jinħassu fir-reġjuni kollha tal-Unjoni u li jiġu pprovduti investment u riżorsi suffiċjenti speċjalment lil dawg ir-reġjuni li jista' jkun li qegħdin jaqgħu lura f'ċerti indikaturi diġitali.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-kunċett ta' sistema tal-AI jenħtieġ jiġi ddefinit b'mod ċar biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, filwaqt li tingħata l-flessibbiltà meħtieġa biex jiġu akkomodati l-iżviluppi teknoloġiċi futuri. Jenħtieġ li d-definizzjoni tibbaża fuq il-karatteristiċi funzjonali ewlenin *tas-software*, b'mod partikolari l-kapaċità, għal sett partikolari ta' objettivi definiti mill-bniedem, li *jiġu ġġenerati outputs bħal kontenut*, previżjonijiet, rakkomandazzjonijiet, jew deċiżjonijiet li jinfluwenzaw *l-ambjent li miegħu tinteraġixxi s-sistema, sew f'dimensjoni fiżika u sew diġitali*. Is-sistemi tal-AI *jistgħu jiffaslu* biex joperaw b'livelli varji ta' awtonomija u jintużaw b'mod awtonomu jew bħala komponent ta' prodott, irrispettivament minn jekk is-sistema tkunx integrata fiżikament fil-prodott (inkorporata) jew taqdx il-funzjonalità tal-prodott mingħajr ma *tkunx* integrata fih (mhux inkorporata). Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' sistema tal-AI tiġi kkumplimentata b'lista ta' tekniki u approċċi speċifiċi użati għall-iżvilupp tagħha, li jenħtieġ tinżamm aġġornata fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq bl-adozzjoni ta' atti delegati mill-Kummissjoni li jemendaw dik il-lista.

Emenda

(6) Il-kunċett ta' sistema tal-AI jenħtieġ *li* jiġi ddefinit b'mod ċar biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, filwaqt li tingħata l-flessibbiltà meħtieġa biex jiġu akkomodati l-iżviluppi teknoloġiċi futuri. *Din id-definizzjoni jenħtieġ li tkun konformi mad-definizzjonijiet li ġew aċċettati internazzjonalment*. Jenħtieġ li d-definizzjoni tibbaża fuq il-karatteristiċi funzjonali ewlenin *tas-sistema tal-AI*, b'mod partikolari l-kapaċità, għal sett partikolari ta' objettivi definiti mill-bniedem, li *jagħmlu* previżjonijiet, rakkomandazzjonijiet, jew deċiżjonijiet li jinfluwenzaw *ambjenti reali jew virtwali*. *B'mod aktar speċifiku, id-definizzjoni ta' sistema tal-AI jenħtieġ li tqis karatteristiċi ewlenin bħall-kapaċità li wieħed jipperċepixxi ambjenti reali u/jew virtwali, li jastratta tali perċezzjonijiet f'mudelli permezz ta' analiżi b'mod awtomatizzat u li juża inferenza tal-mudell biex jifformula għażliet għal informazzjoni jew azzjoni*. Is-sistemi tal-AI *huma mfassla* biex joperaw b'livelli varji ta' awtonomija u jintużaw b'mod awtonomu jew bħala komponent ta' prodott, irrispettivament minn jekk is-sistema tkunx integrata fiżikament fil-prodott (inkorporata) jew taqdx il-funzjonalità tal-prodott mingħajr ma *tkun* integrata fih (mhux inkorporata). Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' sistema tal-AI tiġi kkumplimentata b'lista ta' tekniki u approċċi speċifiċi użati għall-iżvilupp

tagħha, li jenħtieġ *li* tinżamm aġġornata fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq bl-adozzjoni ta' atti delegati mill-Kummissjoni li jemendaw dik il-lista. *Fil-proċess ta' abbozzar ta' dawn l-atti delegati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura s-sehem tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi esperti u żviluppaturi tekniċi ta' sistemi tal-AI. Din il-konsultazzjoni tista' ssir permezz ta' korpi eżistenti bħall-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali jew korp konsultattiv simili li jiġi mwaqqaf mill-ġdid li huwa inkluż mill-qrib fil-ħidma tal-Bord Ewropew dwar l-Intelliġenza Artifiċjali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tidħol fi djalogu ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin bħall-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u ma' organizzazzjonijiet ewlenin oħra li jaħdmu fuq id-definizzjoni tas-sistemi tal-AI biex jiġi żgurat l-allinjament bejn id-definizzjonijiet tal-AI, filwaqt li tinżamm il-prerogattiva tal-Unjoni li tistabbilixxi d-definizzjoni u l-istandards tagħha stess billi tippromulga l-leġiżlazzjoni.*

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jimminax l-attività tar-riċerka u l-iżvilupp u jenħtieġ li jirrispetta l-libertà tax-xjenza. Huwa għalhekk neċessarju li jiġi żgurat li dan ir-Regolament ma jaffettwax b'xi mod ieħor ir-riċerka xjentifika u l-attività ta' żvilupp fuq is-sistemi tal-AI. Fir-rigward ta' attività ta' riċerka orjentata lejn il-prodott mill-fornituri, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika sakemm ir-riċerka twassal għat-tqegħid fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta' sistema tal-AI. Fiċ-ċirkostanzi kollha,

kwalunkwe attività ta' riċerka u żvilupp jenħtieġ li titwettaq f'konformità mal-istandards etiċi rikonoxxuti għar-riċerka xjentifika.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Rigward is-sistemi tal-AI b'riskju kbir li huma komponenti tas-sikurezza ta' prodotti jew ta' sistemi, jew li huma stess huma prodotti jew sistemi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹, tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰, tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹, tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴², tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴, tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵, u tar-Regolament (UE) 2019/21 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁶, jixraq li dawk l-atti jiġu emendati biex *ikun żgurat* li l-Kummissjoni tqis, abbażi tal-ispeċifitàjiet tekniċi u regolatorji ta' kull settur, u mingħajr ma tinterferixxi mal-mekkaniżmi u mal-awtoritajiet eżistenti ta' governanza, ta' valutazzjoni tal-konformità u ta' infurzar stabbiliti fihom, ir-rekwiżiti obbligatorji għas-sistemi tal-AI b'riskju kbir stabbiliti f'dan ir-Regolament meta tadotta xi att delegat jew ta' implimentazzjoni futur rilevanti abbażi ta' dawk l-atti.

Emenda

(29) Rigward is-sistemi tal-AI b'riskju kbir li huma komponenti tas-sikurezza ta' prodotti jew ta' sistemi, jew li huma stess huma prodotti jew sistemi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹, tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰, tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹, tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴², tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴, tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵, u tar-Regolament (UE) 2019/21 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁶, jixraq li dawk l-atti jiġu emendati biex *ikun żgurat* li l-Kummissjoni tqis, abbażi tal-ispeċifitàjiet tekniċi u regolatorji ta' kull settur, u mingħajr ma tinterferixxi mal-mekkaniżmi u mal-awtoritajiet eżistenti ta' governanza, ta' valutazzjoni tal-konformità u ta' infurzar stabbiliti fihom, ir-rekwiżiti obbligatorji għas-sistemi tal-AI b'riskju kbir stabbiliti f'dan ir-Regolament meta tadotta xi att delegat jew ta' implimentazzjoni futur rilevanti abbażi ta' dawk l-atti. ***Barra minn hekk, huma meħtieġa regoli ta' standardizzazzjoni effettivi biex ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament isiru operattivi. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari il-Kummissjoni,***

flimkien mal-intrapriżi, jenħtieġ li jidentifikaw is-setturi tal-AI li fihom hemm l-akbar ħtieġa ta' standardizzazzjoni, sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u sabiex tiġi ppreservata u msaħħa aktar l-integrazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Standardizzazzjoni tagħna fis-Sistema Internazzjonali ta' Standardizzazzjoni (ISO, IEC).

³⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72);

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).

⁴¹ Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

⁴² Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146).

⁴³ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi,

³⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72);

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).

⁴¹ Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

⁴² Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146).

⁴³ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi,

komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

⁴⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

⁴⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

⁴⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

⁴⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

(44) Il-kwalità għolja tad-data hi essenzjali għall-prestazzjoni ta' ħafna sistemi tal-AI, speċjalment meta jintużaw tekniki li jinvolvu t-taħriġ tal-mudelli, biex ikun żgurat li s-sistema tal-AI b'riskju kbir taħdem kif suppost u b'mod sikur u ma ssirx is-sors ta' diskriminazzjoni pprojbita mil-liġi tal-Unjoni. Settijiet tad-data **għal taħriġ, validazzjoni u ttestjar** ta' kwalità għolja jeħtieġu l-implimentazzjoni ta' prattiki xierqa ta' governanza u ġestjoni tad-data. **Jenħtieġ li s-settijiet tad-data għal taħriġ, validazzjoni u ttestjar ikunu rilevanti biżżejjed**, rappreżentattivi u mingħajr erruri u **kompluti** fid-dawl tal-għan maħsub tas-sistema. Jenħtieġ li jkollhom ukoll il-proprjetajiet statistiċi xierqa, inkluż fir-rigward tal-persuni jew tal-gruppi ta' persuni li fuqhom tkun maħsuba li tintuża s-sistema tal-AI b'riskju kbir. B'mod partikolari, jenħtieġ li s-settijiet tad-data **għal taħriġ, validazzjoni u ttestjar** ikunu jqisu, sa fejn ikun meħtieġ fid-dawl tal-għan maħsub tagħhom, il-karatteristiċi jew l-elementi partikolari għall-ambjent jew għall-kuntest ġeografiku, komportamentali jew funzjonali speċifiku li fih tkun maħsuba li tintuża s-sistema tal-AI. Biex jitħares id-dritt ta' ħaddieħor minn diskriminazzjoni li tista' tirriżulta mill-preġudizzju fis-sistemi tal-AI, jenħtieġ li l-fornituri jkunu jistgħu jipproċessaw ukoll kategoriji speċjali ta' data personali, bħala kwistjoni ta' interess pubbliku sostanzjali, biex ikunu żgurati l-monitoraġġ, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-preġudizzji fir-rigward tas-sistemi tal-AI b'riskju kbir.

Emenda

(44) Il-kwalità għolja tad-data hi essenzjali għall-prestazzjoni ta' ħafna sistemi tal-AI, speċjalment meta jintużaw tekniki li jinvolvu t-taħriġ tal-mudelli, biex ikun żgurat li s-sistema tal-AI b'riskju kbir taħdem kif suppost u b'mod sikur u ma ssirx is-sors ta' diskriminazzjoni pprojbita mil-liġi tal-Unjoni. Settijiet tad-data **għat-taħriġ, għall-validazzjoni u għall-ittestjar** ta' kwalità għolja jeħtieġu l-implimentazzjoni ta' prattiki xierqa ta' governanza u ġestjoni tad-data. **Is-settijiet tad-data għat-taħriġ, għall-validazzjoni u għall-ittestjar huma mfassla bl-aħjar sforzi possibbli biex jiġi żgurat li jkunu rilevanti**, rappreżentattivi, mingħajr erruri u **vverifikati b'mod xieraq għall-erruri** fid-dawl tal-għan maħsub tas-sistema. Jenħtieġ li jkollhom ukoll il-proprjetajiet statistiċi xierqa, inkluż fir-rigward tal-persuni jew tal-gruppi ta' persuni li fuqhom tkun maħsuba li tintuża s-sistema tal-AI b'riskju kbir, **b'attenzjoni speċifika għall-mitigazzjoni ta' preġudizzji possibbli fis-settijiet tad-data, li jistgħu jwasslu għal riskji għad-drittijiet fundamentali jew riżultati diskriminatorji għall-persuni affettwati mis-sistema tal-AI b'riskju kbir**. B'mod partikolari, jenħtieġ li s-settijiet tad-data **għat-taħriġ, għall-validazzjoni u għall-ittestjar** ikunu jqisu, sa fejn ikun meħtieġ fid-dawl tal-għan maħsub tagħhom, il-karatteristiċi jew l-elementi partikolari għall-ambjent jew għall-kuntest ġeografiku, komportamentali, **kuntestwali** jew funzjonali speċifiku li fih tkun maħsuba li tintuża s-sistema tal-AI, **b'attenzjoni speċifika għan-nisa, għall-gruppi vulnerabbli u għat-tfal**. Biex jitħares id-dritt ta' ħaddieħor minn diskriminazzjoni li tista' tirriżulta mill-preġudizzju fis-sistemi tal-AI, jenħtieġ li l-

fornituri jkunu jistgħu jipproċessaw ukoll kategoriji speċjali ta' data personali, bħala kwistjoni ta' interess pubbliku sostanzjali, biex ikunu żgurati l-monitoraġġ, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-preġudizzji fir-rigward tas-sistemi tal-AI b'riskju kbir.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni

(46) Hu essenzjali li jkun hemm informazzjoni dwar kif ġew żviluppati s-sistemi tal-AI b'riskju kbir u dwar il-prestazzjoni tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom biex tiġi verifikata l-konformità mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, hemm bżonn jinżammu rekords, u jkun hemm disponibbiltà ta' dokumentazzjoni teknika bl-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità tas-sistema tal-AI mar-rekwiżiti rilevanti. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tkun tinkludi l-karatteristiċi ġenerali, il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet tas-sistema, tal-algoritmi, tad-data, tat-taħriġ, tal-ittestjar u ***tal-proċessi ta' validazzjoni*** użati kif ukoll dokumentazzjoni dwar is-sistema rilevanti tal-ġestjoni tar-riskji. Jenħtieġ li d-dokumentazzjoni teknika tinżamm aġġornata.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni

(49) Jenħtieġ li s-sistemi tal-AI b'riskju

Emenda

(46) Hu essenzjali li jkun hemm informazzjoni ***li tinftiehem*** dwar kif ġew żviluppati s-sistemi tal-AI b'riskju kbir u dwar il-prestazzjoni tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom biex tiġi verifikata l-konformità mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament ***u biex l-utenti jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati u awtonomi dwar l-użu tagħhom***. Għal dan il-għan, hemm bżonn jinżammu rekords, u jkun hemm disponibbiltà ta' dokumentazzjoni teknika bl-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità tas-sistema tal-AI mar-rekwiżiti rilevanti. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tkun tinkludi l-karatteristiċi ġenerali, il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet tas-sistema, tal-algoritmi, tad-data, ***tal-proċessi*** tat-taħriġ, tal-ittestjar u ***tal-validazzjoni*** użati kif ukoll dokumentazzjoni dwar is-sistema rilevanti tal-ġestjoni tar-riskji. Jenħtieġ li d-dokumentazzjoni teknika tinżamm aġġornata.

(49) Jenħtieġ li s-sistemi tal-AI b'riskju

kbir jaħdmu b'mod konsistenti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u jissodisfaw livell xieraq ta' **eżattezza**, robustezza u ċibersigurtà f'konformità mal-aħħar avvanzi rikonoxxuti b'mod ġenerali. Jenħtieġ li l-livell ta' **eżattezza** u l-metrika **tal-eżattezza** jiġu kkomunikati lill-utenti.

kbir jaħdmu b'mod konsistenti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u jissodisfaw livell xieraq ta' **akkuratezza**, robustezza u ċibersigurtà f'konformità mal-aħħar avvanzi rikonoxxuti b'mod ġenerali. Jenħtieġ li **l-metrika tal-akkuratezza u l-livell mistenni tagħha jiġu definiti bl-objettiv primarju li jittaffew ir-riskji u l-impatt negattiv tas-sistema tal-AI għall-individwi u s-soċjetà b'mod ġenerali. Jenħtieġ li l-livell mistenni ta' akkuratezza u l-metrika ta' akkuratezza jiġu kkomunikati lill-utenti b'mod ċar, trasparenti, li jinftiehem faċilment u intelliġibbli. Madankollu, id-dikjarazzjoni tal-metrika tal-akkuratezza ma tistax titqies bħala prova ta' livelli futuri iżda huwa meħtieġ li jiġu applikati metodi rilevanti biex jiġu żgurati livelli sostenibbli waqt l-użu. Filwaqt li jeżistu organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni biex jistabbilixxu standards, hija meħtieġa koordinazzjoni dwar il-valutazzjoni komparattiva biex jiġi stabbilit kif dawn l-istandards jenħtieġ li jintlaħqu u jitkejlu. Il-Bord Ewropew tal-Intelliġenza Artifiċjali jenħtieġ li jlaqqa' flimkien l-awtoritajiet nazzjonali tal-metroloġija u tal-valutazzjoni komparattiva u jipprovi gwida mhux vinkolanti biex jiġu indirizzati l-aspetti tekniċi ta' kif jitkejlu l-livelli xierqa ta' akkuratezza u robustezza.**

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni

(50) Ir-robustezza teknika hi rekwiżit ewlieni għas-sistemi tal-AI b'riskju kbir. Jenħtieġ **ikunu** reżiljenti kontra r-riskji konnessi mal-limitazzjonijiet tas-sistema (eż. erruri, ħsarat, inkonsistenzi, sitwazzjonijiet mhux mistennija) kif ukoll kontra azzjonijiet malizzjużi li jistgħu jikkompromettu s-sigurtà tas-sistema tal-AI

Emenda

(50) Ir-robustezza teknika hi rekwiżit ewlieni għas-sistemi tal-AI b'riskju kbir. Jenħtieġ **li jkunu** reżiljenti kontra r-riskji konnessi mal-limitazzjonijiet tas-sistema (eż. erruri, ħsarat, inkonsistenzi, sitwazzjonijiet mhux mistennija) kif ukoll kontra azzjonijiet malizzjużi li jistgħu jikkompromettu s-sigurtà tas-sistema tal-AI

u jikkawżaw imġiba dannuża jew mhux mixtieqa. In-nuqqas ta' protezzjoni kontra dawn ir-riskji jista' jwassal għal impatti fuq is-sikurezza jew jaffettwa ħażin id-drittijiet fundamentali, pereżempju minħabba deċiżjonijiet żbaljati jew outputs ħżiena jew preġudikati ġġenerati mis-sistema tal-AI.

u jikkawżaw imġiba dannuża jew mhux mixtieqa. In-nuqqas ta' protezzjoni kontra dawn ir-riskji jista' jwassal għal impatti fuq is-sikurezza jew jaffettwa ħażin id-drittijiet fundamentali, pereżempju minħabba deċiżjonijiet żbaljati jew outputs ħżiena jew preġudikati ġġenerati mis-sistema tal-AI. ***Jenħtieġ li l-utenti tas-sistema tal-AI jieħdu passi biex jiżguraw li l-kompromess possibbli bejn ir-robustezza u l-akkuratezza ma jwassalx għal riżultati diskriminatorji jew negattivi għal sottogrupperi minoritarji.***

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni

(51) Iċ-ċibersigurtà taqdi rwol kruċjali biex ikunu żgurati sistemi tal-AI reżiljenti kontra tentattivi biex jinbidlu l-użu, l-imġiba jew il-prestazzjoni tal-proprjetajiet tas-sigurtà tagħhom jew li dawn il-proprjetajiet jiġu kompromessi minn partijiet terzi malizzjużi li jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tas-sistema. Iċ-ċiberattakki kontra s-sistemi tal-AI jistgħu jingranaw assi speċifiċi għall-AI, bħal settijiet tad-data ***għal taħriġ*** (eż. avvelenament tad-data) jew mudelli mħarrġin (eż. attakki avversarjali), jew jisfruttaw vulnerabbiltajiet fl-assi diġitali tas-sistema tal-AI jew fl-infrastruttura sottostanti tal-ICT. Għalhekk, biex ikun żgurat livell taċ-ċibersigurtà xieraq għar-riskji, il-fornituri tas-sistemi tal-AI b'riskju kbir jenħtieġ jieħdu l-miżuri xierqa filwaqt li jqisu wkoll kif xieraq l-infrastruttura sottostanti tal-ICT.

Emenda

(51) Iċ-ċibersigurtà taqdi rwol kruċjali biex ikunu żgurati sistemi tal-AI reżiljenti kontra tentattivi biex jinbidlu l-użu, l-imġiba jew il-prestazzjoni tal-proprjetajiet tas-sigurtà tagħhom jew li dawn il-proprjetajiet jiġu kompromessi minn partijiet terzi malizzjużi li jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tas-sistema. Iċ-ċiberattakki kontra s-sistemi tal-AI jistgħu jingranaw assi speċifiċi għall-AI, bħal settijiet tad-data ***għat-taħriġ*** (eż. avvelenament tad-data) jew mudelli mħarrġin (eż. attakki avversarjali ***jew attakki ta' kunfidenzjalità***), jew jisfruttaw vulnerabbiltajiet fl-assi diġitali tas-sistema tal-AI jew fl-infrastruttura sottostanti tal-ICT. Għalhekk, biex ikun żgurat livell taċ-ċibersigurtà xieraq għar-riskji, il-fornituri tas-sistemi tal-AI b'riskju kbir, ***kif ukoll il-korpi notifikati, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq***, jenħtieġ ***li*** jieħdu l-miżuri xierqa filwaqt li jqisu wkoll kif xieraq l-infrastruttura sottostanti tal-ICT. ***L-AI b'riskju kbir jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn soluzzjonijiet jew patches ta' sikurezza għat-tul tal-ħajja tal-***

prodott, jew f'każ ta' nuqqas ta' dipendenza minn prodott speċifiku, għal żmien li jehntieg li jiġi ddikjarat mill-manifattur.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni

(61) Jenħtieġ li l-istandardizzazzjoni taqdi rwol ewlieni biex tipprovdi soluzzjonijiet tekniċi lill-fornituri ħalli tkun żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-konformità mal-istandards armonizzati kif definiti fir-Regolament (UE) 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁴ tkun mezz biex il-fornituri juru l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Madankollu, il-Kummissjoni tista' tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi komuni f'oqsma fejn ma jeżistux standards armonizzati jew fejn dawn ma jkunux biżżejjed.

Emenda

(61) Jenħtieġ li l-istandardizzazzjoni taqdi rwol ewlieni biex tipprovdi soluzzjonijiet tekniċi lill-fornituri ħalli tkun żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-konformità mal-istandards armonizzati kif definiti fir-Regolament (UE) *Nru* 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁴ tkun mezz biex il-fornituri juru l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. ***Minbarra d-dettalji tekniċi, il-proċess ta' standardizzazzjoni jenħtieġ li jqis ukoll ir-riskji għad-drittijiet fundamentali, għall-ambjent u għas-soċjetà kollha kemm hi u aspetti demokratiċi u soċjotekniċi oħra tas-sistema tal-AI, u jenħtieġ li jiżgura li l-esperti tas-suġġetti rilevanti jiġu inklużi u kkonsultati fil-proċess ta' standardizzazzjoni. Il-proċess ta' standardizzazzjoni jenħtieġ li jkun trasparenti fir-rigward ta' persuni ġuridiċi u fiżiċi li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni.*** Madankollu, il-Kummissjoni tista' tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi komuni f'oqsma fejn ma jeżistux standards armonizzati jew fejn dawn ma jkunux biżżejjed. ***Fl-iżvilupp ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet komuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinvolvi l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari meta l-ispeċifikazzjonijiet komuni jindirizzaw tħassib speċifiku dwar id-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jistipulaw kif***

is-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju jagħtu kunsiderazzjoni speċifika lill-impatt fuq it-tfal.

⁵⁴ Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)

⁵⁴ Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni

(71) L-intelliġenza artifiċjali hi familja ta' teknoloġiji li qed tiżviluppa malajr li teħtieġ forom ġodda ta' sorveljanza regolatorja u spazju sikur għall-esperimentazzjoni, filwaqt li jkun żgurati innovazzjoni u integrazzjoni responsabbli ta' salvagwardji xierqa u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. Biex jiżguraw qafas legali favorevoli għall-innovazzjoni, validu għall-futur u reżiljenti għat-tfixkil, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru wieħed jew aktar jenħtieġ jitħeġġu jistabbilixxu sandboxes regolatorji tal-intelliġenza artifiċjali **biex** jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-ittestjar ta' sistemi innovattivi tal-AI b'sorveljanza regolatorja stretta qabel ma dawn is-sistemi jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz b'xi mod ieħor.

Emenda

(71) L-intelliġenza artifiċjali hi familja ta' teknoloġiji li qed tiżviluppa malajr li teħtieġ forom ġodda ta' sorveljanza regolatorja u spazju sikur għall-esperimentazzjoni, filwaqt li jkun żgurati innovazzjoni u integrazzjoni responsabbli ta' salvagwardji xierqa u **etikament ġustifikati u** miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. Biex jiżguraw qafas legali favorevoli għall-innovazzjoni, validu għall-futur u reżiljenti għat-tfixkil, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru wieħed jew aktar jenħtieġ **li** jitħeġġu jistabbilixxu sandboxes regolatorji tal-intelliġenza artifiċjali **u jagħmlu tali sandboxes regolatorji disponibbli b'mod wiesa' fl-Unjoni kollha, sabiex** jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-ittestjar ta' sistemi innovattivi tal-AI b'sorveljanza regolatorja stretta qabel ma dawn is-sistemi jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz b'xi mod ieħor.

Kwalunkwe riskju sinifikanti identifikat matul l-iżvilupp u l-ittestjar tas-sistemi tal-AI għandu jirriżulta f'mitigazzjoni immedjata u, fin-nuqqas ta' din, fis-sospensjoni tal-proċess tal-iżvilupp u tal-ittestjar sakemm isseħħ tali mitigazzjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni

(72) Jenħtieġ li l-oġġettivi tas-sandboxes regolatorji jkunu li titrawwem l-innovazzjoni fl-AI billi jiġi stabbilit ambjent ikkontrollat ta' esperimentazzjoni u ttestjar fil-fażi tal-iżvilupp u ta' qabel il-kummerċjalizzazzjoni biex tkun żgurata l-konformità tas-sistemi innovattivi tal-AI ma' dan ir-Regolament u ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u tal-Istati Membri; biex jissaħħu ċ-ċertezza legali għall-innovaturi u s-sorveljanza u l-fehim mill-awtoritajiet kompetenti tal-opportunitajiet, tar-riskji emerġenti u tal-impatti tal-użu tal-AI, u biex jitħaffef l-aċċess għas-swieq, inkluż billi jitneħħew l-ostakli għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u għan-negozji ġodda. Biex ***ikunu żgurati implimentazzjoni uniformi madwar l-Unjoni u l-ekonomiji ta' skala, jixraq*** jiġu stabbiliti regoli komuni għall-implimentazzjoni tas-sandboxes regolatorji u qafas għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti involuti fis-superviżjoni tas-sandboxes. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi l-bażi ġuridika għall-użu tad-data personali miġbura għal finijiet oħra għall-iżvilupp ta' ċerti sistemi tal-AI fl-interess pubbliku fi ħdan is-sandbox regolatorja tal-AI, f'konformità mal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) 2016/679, u mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/1725, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2016/680. Jenħtieġ li l-

Emenda

(72) Jenħtieġ li l-oġġettivi tas-sandboxes regolatorji jkunu li titrawwem l-innovazzjoni fl-AI billi jiġi stabbilit ambjent ikkontrollat ta' esperimentazzjoni u ttestjar fil-fażi tal-iżvilupp u ta' qabel il-kummerċjalizzazzjoni biex tkun żgurata l-konformità tas-sistemi innovattivi tal-AI ma' dan ir-Regolament u ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u tal-Istati Membri, ***kif ukoll mal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data***; biex jissaħħu ċ-ċertezza legali għall-innovaturi u s-sorveljanza u l-fehim mill-awtoritajiet kompetenti tal-opportunitajiet, tar-riskji emerġenti u tal-impatti tal-użu tal-AI, ***biex jiġu pprovduti salvagwardji meħtieġa ħalli tinbena l-fiduċja u d-dipendenza fuq is-sistemi tal-AI*** u biex jitħaffef l-aċċess għas-swieq, inkluż billi jitneħħew l-ostakli għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u għan-negozji ġodda; ***biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri dwar l-AI kif stabbiliti fil-Programm ta' Politika "Perkors għad-Deċennju Diġitali"***; ***biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' sistemi tal-AI etiċi, soċjalment responsabbli u ambjentalment sostenibbli; biex tkun permessa l-parteċipazzjoni effettiva tal-SMEs u tan-negozji ġodda f'sandboxes regolatorji, il-kostijiet tal-konformità jenħtieġ li jinżammu f'livell raġonevoli biex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta'***

parteċipanti fis-sandbox jiżguraw salvagwardji xierqa u jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi jimxu mal-gwida tagħhom u jaġixxu malajr u *bona fide* biex itaffu kull riskju kbir għas-sikurezza u għad-drittijiet fundamentali li jista' jinqala' waqt l-iżvilupp u l-esperimentazzjoni fis-sandbox. Jenħtieġ li meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu qed jiddeċiedu jekk jimponux multa amministrattiva skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolament 2016/679 u l-Artikolu 57 tad-Direttiva 2016/680, titqies l-imġiba tal-parteċipanti fis-sandbox.

intelliġenza artiċjali Ewropej affidabbli; huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-implimentazzjoni tas-sandboxes regolatorji u qafas għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti involuti fis-supervizzjoni tas-sandboxes, ***filwaqt li tiġi mħeġġa l-innovazzjoni***. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi l-bażi ġuridika għall-użu tad-data personali miġbura għal finijiet oħra għall-iżvilupp ta' ċerti sistemi tal-AI fl-interess pubbliku fi ħdan is-sandbox regolatorja tal-AI, f'konformità mal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) 2016/679, u mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/1725, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2016/680. Jenħtieġ li l-parteċipanti fis-sandbox jiżguraw salvagwardji xierqa u jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi jimxu mal-gwida tagħhom u jaġixxu malajr u *bona fide* biex itaffu kull riskju kbir għas-sikurezza u għad-drittijiet fundamentali li jista' jinqala' waqt l-iżvilupp u l-esperimentazzjoni fis-sandbox. Jenħtieġ li meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu qed jiddeċiedu jekk jimponux multa amministrattiva skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolament 2016/679 u l-Artikolu 57 tad-Direttiva 2016/680, titqies l-imġiba tal-parteċipanti fis-sandbox.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 72a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(72a) Huwa mixtieq li l-istabbiliment ta' sandboxes regolatorji, li attwalment qed jitħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri, isir mandatorju bħala l-pass li jmiss, bi kriterji definiti sew, biex jiġu żgurati kemm l-effettività tas-sistema tal-AI kif ukoll aċċess aktar faċli għan-negożji, b'mod partikolari l-SMEs. L-intrapriżi u l-istituzzjonijiet ta' riċerka

jenħtieġ li jkunu involuti fl-iżvilupp tal-kundizzjonijiet għall-ħolqien ta' sandboxes regolatorji.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni

(73) Biex tiġi promossa u protetta l-innovazzjoni, hu importanti li jitqiesu b'mod partikolari l-interessi tal-fornituri fuq skala żgħira u tal-utenti tas-sistemi tal-AI. Għal dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw inizjattivi mmirati lejn dawk l-operaturi, inkluż dwar is-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni. Barra minn hekk, meta l-Korpi Notifikati jistabbilixxu tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità, jenħtieġ jitqiesu l-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-fornituri fuq skala żgħira. Il-kostijiet tat-traduzzjoni relatata mad-dokumentazzjoni obbligatorja u mal-komunikazzjoni mal-awtoritajiet jistgħu jikkostitwixxu kost sinifikanti għall-fornituri u għal operaturi oħrajn, b'mod partikolari għal dawk fuq skala iżgħar. Jenħtieġ li, possibbilment, l-Istati Membri jiżguraw li waħda mil-lingwi determinati u aċċettati minnhom għad-dokumentazzjoni tal-fornituri rilevanti u għall-komunikazzjoni mal-operaturi tkun waħda li tinftiehem b'mod wiesa' mill-akbar ammont ta' utenti *transkfruntieri* possibbli.

Emenda

(73) Biex tiġi promossa u protetta l-innovazzjoni, hu importanti li jitqiesu b'mod partikolari l-interessi tal-fornituri fuq skala żgħira u tal-utenti tas-sistemi tal-AI. Għal dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw inizjattivi mmirati lejn dawk l-operaturi, inkluż dwar ***il-litteriżmu tal-AI***, is-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-kanali eżistenti u meta xieraq, jistabbilixxu kanali ddedikati għall-komunikazzjoni mal-SMEs, man-negozi ġodda, mal-utenti u ma' innovaturi oħrajn biex jipprovd għal għal domandi dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Tali kanali eżistenti jistgħu jinkludi, fost l-oħrajn, l-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters tal-ENISA, l-Aġenziji Nazzjonali tal-Protezzjoni tad-Data, il-pjattaforma tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq talba, iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u strumenti oħra rilevanti ffinanzjati minn programmi tal-UE kif ukoll l-Faċilitajiet tal-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni. Fejn xieraq, dawn il-kanali jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex joħlqu sinerġiji u jiżguraw l-omoġeneità fil-għal tagħhom għan-negozi ġodda, l-SMEs u l-utenti.*** Barra minn hekk, meta l-Korpi Notifikati jistabbilixxu tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità, jenħtieġ ***li*** jitqiesu l-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-fornituri fuq skala

żgħira. *Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa b'mod regolari l-kostijiet ta' ċertifikazzjoni u konformità għall-SMEs u għan-negozji ġodda, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet trasparenti mal-SMEs, man-negozji ġodda u mal-utenti u taħdem mal-Istati Membri biex tnaqqas dawn il-kostijiet. Pereżempju, il-kostijiet tat-traduzzjoni relatata mad-dokumentazzjoni obligatorja u mal-komunikazzjoni mal-awtoritajiet jistgħu jikkostitwixxu kost sinifikanti għall-fornituri u għal operaturi oħrajn, b'mod partikolari għal dawk fuq skala iżgħar. Jenħtieġ li, possibbilment, l-Istati Membri jiżguraw li waħda mil-lingwi determinati u aċċettati minnhom għad-dokumentazzjoni tal-fornituri rilevanti u għall-komunikazzjoni mal-operaturi tkun waħda li tinftiehem b'mod wiesa' mill-akbar ammont ta' utenti *transfruntiera* possibbli. *L-intrapriżi ta' daqs medju li riċentement inbidlu mill-kategorija żgħira għal dik ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE jenħtieġ li jkollhom aċċess għal dawn l-inizjattivi u gwida għal perjodu ta' żmien meqjus xieraq mill-Istati Membri, peress li dawn l-intrapriżi ġodda ta' daqs medju xi drabi jistgħu ma jkollhomx ir-riżorsi legali u t-taħriġ meħtieġa biex jiżguraw fehim u konformità xierqa mad-dispożizzjonijiet.**

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 76a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(76a) Jenħtieġ li jiġi stabbilit kunsill konsultattiv dwar l-AI ("il-Kunsill Konsultattiv") bħala sottogrupp tal-Bord li jkun jikkonsisti minn rappreżentanti rilevanti mill-industrija, mir-riċerka, mis-settur akkademiku, mis-soċjetà ċivili, mill-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni, mis-sħab soċjali, mill-SMEs, minn esperti tad-drittijiet fundamentali u minn partijiet

ikkonċernati oħra li jirrappreżentaw lill-Istati Membri kollha biex jinżamm bilanċ ġeografiku. Il-Kunsill Konsultattiv jenħtieġ li jappoġġa l-ħidma tal-Bord billi jipprovdi pariri relatati mal-kompiti tal-Bord. Il-Kunsill Konsultattiv jenħtieġ li jinnomina rappreżentant biex jattendi l-laqgħat tal-Bord u jipparteċipa fil-ħidma tiegħu.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni

(81) L-iżvilupp tas-sistemi tal-AI, għajr is-sistemi tal-AI b'riskju kbir f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jista' jwassal għal adozzjoni akbar tal-intelliġenza artifiċjali affidabbli fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-fornituri tas-sistemi tal-AI li m'għandhomx riskju kbir jitħeġġu joħolqu kodiċijiet tal-kondotta maħsuba biex irawmu l-applikazzjoni volontarja tar-rekwiżiti obbligatorji applikabbli għas-sistemi tal-AI b'riskju kbir. Jenħtieġ li l-fornituri jitħeġġu wkoll japplikaw rekwiżiti addizzjonali b'mod volontarju, li jkunu relatati, pereżempju, mas-sostenibbiltà ambjentali, mal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, mal-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fit-tfassil u fl-iżvilupp tas-sistemi tal-AI, u mad-diversità tat-timijiet tal-iżvilupp. Il-Kummissjoni tista' toħloq inizjattivi, inkluż ta' natura settorjali, biex tiffaċilita t-tnaqqis tax-xkiel tekniku li jfixkel l-iskambju transfruntier tad-data għall-iżvilupp tal-AI, inkluż dwar l-infrastruttura tal-aċċess għad-data, u l-interoperabbiltà semantika u teknika ta' tipi differenti ta' data.

Emenda

(81) L-iżvilupp tas-sistemi tal-AI, għajr is-sistemi tal-AI b'riskju kbir f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jista' jwassal għal adozzjoni akbar tal-intelliġenza artifiċjali affidabbli, **soċjalment responsabbli u ambjentalment sostenibbli** fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-fornituri tas-sistemi tal-AI li m'għandhomx riskju kbir jitħeġġu joħolqu kodiċijiet tal-kondotta maħsuba biex irawmu l-applikazzjoni volontarja tar-rekwiżiti obbligatorji applikabbli għas-sistemi tal-AI b'riskju kbir. Jenħtieġ li l-fornituri jitħeġġu wkoll japplikaw rekwiżiti addizzjonali b'mod volontarju, li jkunu relatati, pereżempju, mas-sostenibbiltà ambjentali, mal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, mal-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fit-tfassil u fl-iżvilupp tas-sistemi tal-AI, u mad-diversità tat-timijiet tal-iżvilupp. Il-Kummissjoni tista' toħloq inizjattivi, inkluż ta' natura settorjali, biex tiffaċilita t-tnaqqis tax-xkiel tekniku li jfixkel l-iskambju transfruntier tad-data għall-iżvilupp tal-AI, inkluż dwar l-infrastruttura tal-aċċess għad-data, u l-interoperabbiltà semantika u teknika ta' tipi differenti ta' data.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. *Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-attivitajiet ta' riċerka dwar is-sistemi tal-AI sakemm tali attivitajiet ma jwasslux jew ma jinvolvux it-tqegħid ta' sistema tal-AI fis-suq jew it-tqegħid tagħha fis-servizz. Dawn l-attivitajiet ta' riċerka ma għandhomx jiksru d-drittijiet fundamentali tal-persuni affettwati.*

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5b. *Dan ir-Regolament ma għandux japplika għas-sistemi tal-AI, inkluż l-output tagħhom, li huma speċifikament żviluppati u mqiegħda fis-servizz għall-iskop uniku ta' riċerka xjentifika fl-interess ġenerali tal-Unjoni.*

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) "sistema tal-intelliġenza artifiċjali" (sistema tal-AI) tfisser **software li jiġi żviluppata b'teknika u b'approċċ wiehied jew aktar minn fost dawk elenkati fl-Anness I u li jista'**, għal sett partikolari ta' objettivi definiti mill-bniedem, **jiġġenera outputs bħal kontenut**, previżjonijiet, rakkomandazzjonijiet, jew deċiżjonijiet li jinfluwenzaw l-ambjenti li jinteraġixxu

(1) "sistema tal-intelliġenza artifiċjali" (sistema tal-AI) tfisser **sistema bbażata fuq il-magni li tista', b'livelli differenti ta' awtonomija**, għal sett partikolari ta' objettivi definiti mill-bniedem, **tagħmel** previżjonijiet, **kontenut**, rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet li jinfluwenzaw l-ambjenti **reali jew virtwali** li jinteraġixxu magħhom;

magħhom;

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) "awtonomija" tfisser li sistema tal-AI taħdem billi tinterpreta ċertu input u billi tuża sett ta' objettivi predefiniti, mingħajr ma tkun limitata minn dawn l-istruzzjonijiet, minkejja li l-imġiba tas-sistema hija limitata mill-għan mogħti lilha u minn għażliet rilevanti oħra tat-tfassil li għamlu l-iżviluppaturi tagħha, u hija orjentata lejn l-istess għan;

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) "fornitur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor li jiżviluppa sistema tal-AI jew li jkollu sistema tal-AI żviluppata **biex titqiegħed** fis-suq jew **titqiegħed** fis-servizz b'ismu jew bit-trademark tiegħu stess, sew jekk bi ħlas u sew jekk mingħajr ħlas;

(2) "fornitur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor li jiżviluppa sistema tal-AI jew li jkollu sistema tal-AI żviluppata **u jqiegħed dik is-sistema** fis-suq jew **iqiegħedha** fis-servizz b'ismu jew bit-trademark tiegħu stess, sew jekk bi ħlas u sew jekk mingħajr ħlas;

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) "komponent tas-sikurezza ta' prodott jew ta' sistema" tfisser komponent ta' prodott jew ta' sistema li jaqdi funzjoni

(14) "komponent tas-sikurezza ta' prodott jew ta' sistema" tfisser komponent ta' prodott jew ta' sistema li jaqdi funzjoni

tas-sikurezza għal dak il-prodott jew għal dik is-sistema **jew** li l-falliment jew il-funzjonament ħażin tiegħu jipperikola s-saħħa u s-sikurezza tal-persuni jew tal-proprjetà;

tas-sikurezza għal dak il-prodott jew għal dik is-sistema **u** li l-falliment jew il-funzjonament ħażin tiegħu jipperikola s-saħħa u s-sikurezza tal-persuni jew tal-proprjetà;

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(44) "inċident serju" tfisser kull inċident li direttament jew indirettament wassal, seta' wassal jew jista' jwassal għal wieħed jew waħda minn dawn:

Emenda

(44) "inċident serju" tfisser kull inċident **jew funzjonament ħażin ta' sistema tal-AI** li direttament jew indirettament wassal, seta' wassal jew jista' jwassal għal wieħed jew waħda minn dawn:

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-mewt ta' persuna jew dannu serju **għas-saħħa** ta' persuna, għall-proprjetà jew għall-ambjent,

Emenda

(a) il-mewt ta' persuna jew dannu serju **għad-drittijiet fundamentali** ta' persuna, **għas-saħħa tagħha, għas-sigurtà**, għall-proprjetà jew għall-ambjent,

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) ksur ta' obbligi skont id-dritt tal-Unjoni maħsub biex jipproteġi d-drittijiet fundamentali.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(44a) "sandbox regolatorja" tfisser faċilità stabbilita minn awtorità kompetenti waħda jew aktar tal-Istati Membri f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni jew mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, li tipprovdi ambjent ikkontrollat u flessibbli xieraq li jiffaċilita l-iżvilupp sikur, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' sistemi innovattivi tal-AI għal żmien limitat qabel it-tqegħid tagħhom fis-suq jew fis-servizz skont pjan speċifiku;

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(44b) "litteriżmu tal-AI" tfisser il-ħiliet, l-għarfien u l-fehim dwar is-sistemi tal-AI li huma meħtieġa għall-konformità ma' dan ir-Regolament u l-infurzar tiegħu;

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(44c) "deep fake" tfisser materjal awdjo u/jew viżiv manipulat jew sintetiku li jagħti impressjoni awtentika, li fih jidhru li qed iseħħu avvenimenti, li qatt ma ġraw, u li ġie prodott bl-użu ta' tekniki fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali, inkluż it-tagħlim awtomatiku u t-tagħlim profond, mingħajr ma l-utent, jew l-utent finali jkun konxju li l-materjal awdjo u/jew viżiv

*ikun ġie prodott bl-użu tal-intelliġenza
artifiċjali;*

Emenda 30

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(44d) "infrastruttura kritika" tfisser
assi, sistema, jew parti minnhom li jkunu
neċessarji għat-twassil ta' servizz li jkun
essenzjali għall-manutenzjoni ta'
funzjonijiet soċjetali vitali jew attivitajiet
ekonomiċi fis-sens tal-Artikolu 2(4) u (5)
tad-Direttiva ____ dwar ir-reżiljenza tal-
entitajiet kritiċi (2020/0365(COD));*

Emenda 31

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(44e) "data personali" tfisser data
personali kif definita fl-Artikolu 4(1) tar-
Regolament (UE) 2016/679;*

Emenda 32

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44f (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(44f) "data mhux personali" tfisser data
għajr id-data personali kif definita fil-
punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament
(UE) 2016/679;*

Emenda 33

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-lista ta' tekniki u ta' approċċi elenkati fl-Anness I, biex taġġorna dik il-lista skont l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq abbażi ta' karatteristiċi simili għat-tekniki u l-approċċi elenkati fiha.

Emenda

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-lista ta' tekniki u ta' approċċi elenkati fl-Anness I ***fi ħdan l-ambitu tas-sistema tal-AI kif definita fl-Artikolu 3(1)***, biex taġġorna dik il-lista skont l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq abbażi ta' karatteristiċi simili għat-tekniki u l-approċċi elenkati fiha.

Emenda 34

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta tkun qed tabbozza dawn l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura s-sehem tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, bħal esperti u żviluppaturi tekniċi ta' sistemi tal-AI.

Emenda 35

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sistemi tal-AI b'riskju kbir li jagħmlu użu minn tekniki li jinvolvu t-taħriġ ta' mudelli b'data għandhom jiġu żviluppati abbażi ta' settijiet tad-data ***għal taħriġ, validazzjoni u ttestjar*** li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità msemmijin fil-paragrafi 2 sa 5.

1. Sistemi tal-AI b'riskju kbir li jagħmlu użu minn tekniki li jinvolvu t-taħriġ ta' mudelli b'data għandhom jiġu żviluppati abbażi ta' settijiet tad-data ***għal taħriġ, għall-valutazzjoni, għall-validazzjoni u għall-ittestjar*** li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità msemmijin fil-paragrafi 2 sa 5 ***sa fejn dan ikun fattibbli mill-aspett tekniku filwaqt li jitqiesu l-miżuri l-aktar avvanzata u l-aktar reċenti, skont is-segment speċifiku tas-suq jew il-***

kamp ta' applikazzjoni.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Tekniki bħal apprendiment mingħajr superviżjoni u apprendiment ikkonsolidat li ma jużawx settijiet tad-data għall-validazzjoni u għall-ittestjar għandhom jiġu żviluppati abbażi ta' settijiet tad-data għat-taħriġ li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità msemmija fil-paragrafi 2 sa 5.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-fornituri ta' sistemi tal-AI b'riskju kbir li jutilizzaw data miġbura u/jew ġestita minn partijiet terzi jistgħu jiddependu minn rappreżentazzjonijiet minn dawk il-partijiet terzi fir-rigward tal-kriterji tal-kwalità msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Is-settijiet tad-data **għal taħriġ, validazzjoni** u **ttestjar** għandhom ikunu soġġetti għal prattiki xierqa ta' governanza u ġestjoni tad-data. Dawk il-prattiki għandhom jikkonċernaw b'mod partikolari,

2. Is-settijiet tad-data **għat-taħriġ, għall-valutazzjoni, għall-validazzjoni** u **għall-ittestjar** għandhom ikunu soġġetti għal prattiki xierqa ta' governanza u ġestjoni tad-data **għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu**

tal-iproċessar tad-data. Dawk il-prattiki għandhom jikkonċernaw b'mod partikolari, *l-elementi li ġejjin:*

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) *it-trasparenza dwar l-għan oriġinali tal-ġbir ta' data;*

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *il-ġbir ta' data;*

(b) *il-proċessi għall-ġbir ta' data;*

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) l-eżaminazzjoni fid-dawl tal-preġudizzji possibbli;

(f) l-eżaminazzjoni fid-dawl tal-preġudizzji possibbli *li x'aktarx jaffettwaw is-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, ikollhom impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali jew iwasslu għal diskriminazzjoni pprojbita mid-dritt tal-Unjoni; inklużi l-każijiet fejn l-outputs tad-data jintużaw bħala input għal operazzjonijiet futuri ("ċirkwiti ta' feedback");*

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) l-identifikazzjoni ta' **kull** lakuna jew nuqqas possibbli fid-data, u kif dawk il-lakuni u n-nuqqasijiet jistgħu jiġu indirizzati.

Emenda

(g) l-identifikazzjoni ta' lakuna jew nuqqas possibbli fid-data, u kif dawk il-lakuni u n-nuqqasijiet jistgħu jiġu indirizzati;

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) l-għan u l-ambjent li fihom is-sistema għandha tintuża.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Is-settijiet **ta' data għal taħriġ, validazzjoni u ttestjar għandhom ikunu** rilevanti, rappreżentattivi, **mingħajr** **erruri u kompluti**. Għandu jkollhom ukoll il-proprjetajiet statistiċi xierqa, inkluż, meta xieraq, rigward il-persuni jew il-gruppi ta' persuni li fuqhom tkun maħsuba li tintuża s-sistema tal-AI b'riskju kbir. Dawn il-karatteristiċi tas-settijiet ta' data jistgħu jiġu ssodisfati fil-livell ta' settijiet tad-data individwali jew ta' taħlita tagħhom.

3. Is-settijiet **tad-data għat-taħriġ, għall-validazzjoni u għall-ittestjar huma mfassla bl-aħjar sforzi possibbli biex jiġi żgurat li jkunu** rilevanti, rappreżentattivi, **ivverifikati b'mod xieraq għal** **erruri fid-dawl tal-għan maħsub tas-sistema tal-AI. B'mod partikolari,** għandu jkollhom ukoll il-proprjetajiet statistiċi xierqa, inkluż, meta xieraq, rigward il-persuni jew il-gruppi ta' persuni li fuqhom tkun maħsuba li tintuża s-sistema tal-AI b'riskju kbir. Dawn il-karatteristiċi tas-settijiet ta' data jistgħu jiġu ssodisfati fil-livell ta' settijiet tad-data individwali jew ta' taħlita tagħhom.

Emenda 45

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Is-settijiet tad-data **għal taħriġ**, **validazzjoni** u **ttestjar** għandhom iqisu, sa fejn ikun meħtieġ mill-għan maħsub tagħhom, il-karatteristiċi jew l-elementi li jkunu partikolari għall-ambjent jew għall-kuntest ġeografiku, komportamentali jew funzjonali speċifiku li fih tkun maħsuba li tintuża s-sistema tal-AI b'riskju kbir.

Emenda 46

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Is-sistemi tal-AI b'riskju kbir għandhom jitfasslu u jiġu żviluppati **b'tali mod li jiksbu**, fid-dawl tal-għan maħsub tagħhom, livell xieraq ta' **eżattezza**, **robustezza** u **ċibersigurtà**, u jaħdmu b'mod konsistenti f'dawk l-aspetti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

Emenda 47

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Is-settijiet tad-data **għat-taħriġ**, **għall-validazzjoni** u **għall-ittestjar** għandhom iqisu, sa fejn ikun meħtieġ mill-għan maħsub tagħhom, il-karatteristiċi jew l-elementi li jkunu partikolari għall-ambjent jew għall-kuntest ġeografiku, komportamentali, **kuntestwali** jew funzjonali speċifiku li fih tkun maħsuba li tintuża s-sistema tal-AI b'riskju kbir.

Emenda

1. Is-sistemi tal-AI b'riskju kbir għandhom jitfasslu u jiġu żviluppati **skont il-prinċipju tas-sigurtà mid-disinn u b'mod awtomatiku**. Fid-dawl tal-għan maħsub tagħhom, **għandhom jiksbu** livell xieraq ta' **akkuratezza**, **robustezza**, **sikurezza** u **ċibersigurtà**, u jaħdmu b'mod konsistenti f'dawk l-aspetti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. **Il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti għandha tinkludi l-implimentazzjoni ta' miżuri l-aktar avvanzata u l-aktar reċenti, skont is-segment speċifiku tas-suq jew il-kamp ta' applikazzjoni.**

1a. Biex jindirizza l-aspetti tekniċi ta' kif jiġi kienet l-livelli xierqa ta' akkuratezza

u robustezza stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali għandu jiġbor flimkien l-awtoritajiet nazzjonali tal-metroloġija u tal-valutazzjoni komparattiva u jipprovdi gwida mhux vinkolanti dwar il-kwistjoni kif stabbilit fl-Artikolu 56, il-paragrafu 2, il-punt (a).

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Biex tindirizza kwalunkwe kwistjoni emerġenti fis-suq intern kollu fir-rigward taċ-ċibersigurtà, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) għandha tkun involuta flimkien mal-Bord Ewropew tal-Intelliġenza Artifiċjali kif stabbilit fl-Artikolu 56, il-paragrafu 2, il-punt (b).

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-livelli ta' ***eżattezza*** u l-metrika ***tal-eżattezza*** rilevanti tas-sistemi tal-AI b'riskju kbir għandhom jiġu ddikjarati fl-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija.

2. Il-livelli ta' ***akkuratezza*** u l-metrika ***tal-akkuratezza*** rilevanti tas-sistemi tal-AI b'riskju kbir għandhom jiġu ddikjarati fl-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija. ***Il-lingwaġġ użat għandu jkun ċar, mingħajr nuqqas ta' ftehim jew dikjarazzjonijiet qarrieqa.***

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Is-sistemi tal-AI b'riskju kbir **għandhom** ikunu reżiljenti fir-rigward ta' erruri, ħsarat jew inkonsistenzi li jistgħu jseħħu fis-sistema jew fl-ambjent li fih topera s-sistema, b'mod partikolari minħabba l-interazzjoni tagħhom ma' persuni fiżiċi jew sistemi oħra.

Emenda

Għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa biex ikun żgurat li s-sistemi tal-AI b'riskju kbir ikunu reżiljenti **kemm jista' jkun** fir-rigward ta' erruri, ħsarat jew inkonsistenzi li jistgħu jseħħu fis-sistema jew fl-ambjent li fih topera s-sistema, b'mod partikolari minħabba l-interazzjoni tagħhom ma' persuni fiżiċi jew sistemi oħra.

Emenda 51

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-robustezza tas-sistemi tal-AI b'riskju kbir tista' tinkiseb b'soluzzjonijiet tekniċi ta' ridondanza, li jistgħu jinkludu pjanijiet ta' backup jew ta' fail-safe.

Emenda

Ir-robustezza tas-sistemi tal-AI b'riskju kbir tista' tinkiseb **mill-fornitur xieraq b'input mill-utent, fejn meħtieġ,** b'soluzzjonijiet tekniċi ta' ridondanza, li jistgħu jinkludu pjanijiet ta' backup jew ta' fail-safe.

Emenda 52

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Is-sistemi tal-AI b'riskju kbir li jkomplu jitgħallmu wara li jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz għandhom jiġu żviluppati b'tali mod li jkun żgurat li l-outputs possibbilment ippreġudikati **minħabba l-outputs użati bħala** input għal operazzjonijiet futuri ("feedback loops") jiġu indirizzati kif xieraq b'miżuri ta' mitigazzjoni xierqa.

Emenda

Is-sistemi tal-AI b'riskju kbir li jkomplu jitgħallmu wara li jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz għandhom jiġu żviluppati b'tali mod li jkun żgurat li l-outputs possibbilment ippreġudikati **li jinfluwenzaw** input għal operazzjonijiet futuri ("feedback loops") **u l-manipulazzjoni malizzjuża tal-inputs li jintużaw fit-tagħlim waqt it-tħaddim** jiġu indirizzati kif xieraq b'miżuri ta' mitigazzjoni xierqa.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Is-sistemi tal-AI b'riskju kbir għandhom ikunu reżiljenti fir-rigward ta' tentattivi minn partijiet terzi mhux awtorizzati biex ibiddlu l-użu jew il-prestazzjoni tagħhom billi jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tas-sistema.

Emenda

Is-sistemi tal-AI b'riskju kbir għandhom ikunu reżiljenti fir-rigward ta' tentattivi minn partijiet terzi mhux awtorizzati biex ibiddlu l-użu, ***l-imġiba, l-outputs*** jew il-prestazzjoni tagħhom billi jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tas-sistema.

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Is-soluzzjonijiet tekniċi biex jiġu indirizzati vulnerabbiltajiet speċifiċi għall-AI għandhom jinkludu, meta xieraq, miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' attacchi ***li*** jippruvaw jimmanipulaw is-sett tad-data ***għal taħriġ*** ("avvenament ***tad-data***"), l-inputs imfasslin biex ***jġiegħlu*** lill-mudell jiżbalja ("***eżempji avversarjali***"), jew difetti fil-mudell.

Emenda

Is-soluzzjonijiet tekniċi biex jiġu indirizzati vulnerabbiltajiet speċifiċi għall-AI għandhom jinkludu, meta xieraq, miżuri għall-prevenzjoni, ***id-detezzjoni*** u l-kontroll ta' attacchi ***u r-rispons u s-soluzzjoni għalihom, liema attacchi*** jippruvaw jimmanipulaw is-sett tad-data ***għat-taħriġ*** ("***avvenament tad-data***"), ***jew komponenti mħarrġa minn qabel li jintużaw fit-taħriġ*** ("avvenament ***tal-mudell***"), l-inputs imfasslin biex ***iġiegħlu*** lill-mudell jiżbalja ("***eżempji avversarjali***" ***jew "evażjoni tal-mudell"***), ***attakki fuq il-kunfidenzjalità*** jew difetti fil-mudell, ***li jistgħu jwasslu għal teħid ta' deċiżjonijiet dannużi.***

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-

proċess tal-iżvilupp ta' standards armonizzati jinkludi valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet fundamentali, l-ambjent u s-soċjetà iġġenerali.

Emenda 56

**Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-proċess tal-iżvilupp ta' standards armonizzati dwar is-sistemi tal-AI jkun miftuħ għall-partijiet ikkonċernati, inklużi l-SMEs skont l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Emenda 57

**Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tidderieġi fondi skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom.

Emenda 58

**Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-istandards armonizzati qabel ma jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali u tħejji rapport li jiddeskrivi l-adegwatezza tagħhom mal-paragrafu 1a u 1b ta' dan l-Artikolu.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta ma jeżistux standards armonizzati msemminj fl-Artikolu 40 jew meta l-Kummissjoni tqis li l-istandards armonizzati rilevanti ma jkunux biżżejjed jew li jkun hemm bżonn li jiġi indirizzat tħassib speċifiku dwar is-sikurezza jew id-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tadotta speċifikazzjonijiet komuni fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 2 ta' dan it-Titolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(2).

Emenda

1. Meta ma jeżistux standards armonizzati msemminj fl-Artikolu 40 jew meta l-Kummissjoni tqis li l-istandards armonizzati rilevanti ma jkunux biżżejjed jew li jkun hemm bżonn li jiġi indirizzat tħassib speċifiku ***u urġenti*** dwar is-sikurezza jew id-drittijiet fundamentali ***li ma jistax jiġi solvut biżżejjed bl-iżvilupp ta' standards armonizzati***, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tadotta speċifikazzjonijiet komuni fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 2 ta' dan it-Titolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(2).

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni, meta tħejji l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemminj fil-paragrafu 1, għandha tiġbor il-fehmiet ***tal-korpi*** jew tal-gruppi ta' esperti ***rilevanti*** stabbiliti skont id-dritt settorjali rilevanti tal-Unjoni.

Emenda

2. Il-Kummissjoni, meta tħejji l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemminj fil-paragrafu 1, għandha tiġbor il-fehmiet ***tal-iżviluppaturi u l-fornituri ta' sistemi tal-AI b'riskju kbir kif ukoll tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħal SMEs u negozji ġodda, is-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali*** jew tal-gruppi ta' esperti stabbiliti skont id-dritt settorjali rilevanti tal-Unjoni.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. B'kont meħud tal-għan maħsub tagħhom, is-sistemi tal-AI b'riskju kbir li jkunu ġew imħarrġa u ttestjati fuq data li tikkonċerna l-issettjar ġeografiku, komportamentali u funzjonali speċifiku li fiha ikunu maħsubin li jintużaw għandhom jiġu preżunti li huma f'konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 10(4).

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Sistemi tal-AI b'riskju kbir li jkunu ġew iċċertifikati jew li għalihom tkun inħarġet dikjarazzjoni ta' konformità bi skema taċ-ċibersigurtà skont ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶³ u li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu preżunti li jkunu f'konformità mar-rekwiżiti dwar iċ-ċibersigurtà stabbiliti fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament sa fejn iċ-ċertifikat taċ-ċibersigurtà jew id-dikjarazzjoni ta' konformità jew partijiet minnha jkopru dawk ir-rekwiżiti.

⁶³ Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151,

Emenda

1. B'kont meħud tal-għan maħsub tagħhom, is-sistemi tal-AI b'riskju kbir li jkunu ġew imħarrġa u ttestjati fuq data li tikkonċerna l-issettjar ġeografiku, komportamentali, **kuntestwali** u funzjonali speċifiku li fiha ikunu maħsubin li jintużaw għandhom jiġu preżunti li huma f'konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 10(4).

Emenda

2. Sistemi tal-AI b'riskju kbir li jkunu ġew iċċertifikati jew li għalihom tkun inħarġet dikjarazzjoni ta' konformità bi skema taċ-ċibersigurtà skont ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶³ u li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu preżunti li jkunu f'konformità mar-rekwiżiti dwar iċ-ċibersigurtà stabbiliti fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament, **meta applikabbli**, sa fejn iċ-ċertifikat taċ-ċibersigurtà jew id-dikjarazzjoni ta' konformità jew partijiet minnha jkopru dawk ir-rekwiżiti.

⁶³ Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151,

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 43 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Jekk il-fornitur diġà jkun stabbilixxa organizzazzjoni u strutturi interni għal valutazzjonijiet tal-konformità jew rekwiżiti eżistenti skont regoli eżistenti oħrajn, il-fornitur jista' juża dawk, jew partijiet minn dawk, l-istrutturi eżistenti tal-konformità, sakemm dawn ikollhom ukoll il-kapaċità u l-kompetenza meħtieġa biex iwettqu r-rekwiżiti għall-prodott stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 43 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 għall-fini tal-aġġornament tal-Annessi VI u tal-Anness VII biex tintroduċi elementi tal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità li jsiru neċessarji fid-dawl tal-progress tekniku.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 għall-fini tal-aġġornament tal-Annessi VI u tal-Anness VII biex tintroduċi elementi tal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità li jsiru neċessarji fid-dawl tal-progress tekniku. ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali stabbilit fl-Artikolu 56 kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.***

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 43 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-paragrafi 1 u 2 bl-għan li s-sistemi tal-AI b'riskju kbir msemmijin fil-punti 2 sa 8 tal-Anness III jiġu soġġetti għall-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità **msemmijin** fl-Anness VII jew għal partijiet minnha. Il-Kummissjoni għandha tadotta tali atti delegati filwaqt li tqis l-effettività tal-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità abbażi ta' kontroll intern imsemmi fl-Anness VI fil-prevenzjoni jew fil-minimizzazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sikurezza u fil-ħarsien tad-drittijiet fundamentali ppreżentati minn tali sistemi kif ukoll id-disponibbiltà ta' kapaċitajiet u ta' riżorsi adegwati fost il-korpi notifikati.

Emenda

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-paragrafi 1 u 2 bl-għan li s-sistemi tal-AI b'riskju kbir msemmijin fil-punti 2 sa 8 tal-Anness III jiġu soġġetti għall-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità **msemmija** fl-Anness VII jew għal partijiet minnha. Il-Kummissjoni għandha tadotta tali atti delegati filwaqt li tqis l-effettività tal-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità abbażi ta' kontroll intern imsemmi fl-Anness VI fil-prevenzjoni jew fil-minimizzazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sikurezza u fil-ħarsien tad-drittijiet fundamentali ppreżentati minn tali sistemi kif ukoll id-disponibbiltà ta' kapaċitajiet u ta' riżorsi adegwati fost il-korpi notifikati. ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali stabbilit fl-Artikolu 56 kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.***

Emenda 66

**Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Iċ-ċertifikati maħruġin mill-korpi notifikati f'konformità mal-Annessi VII, X u XI għandhom jitfasslu b'lingwa uffiċjali **tal-Unjoni determinata** mill-Istat Membru **meta jkun** stabbilit il-korp notifikat jew inkella b'lingwa uffiċjali **tal-Unjoni** aċċettabbli b'xi mod ieħor għall-korp notifikat.

Emenda

1. Iċ-ċertifikati maħruġin mill-korpi notifikati f'konformità mal-Annessi VII, X u XI għandhom jitfasslu b'lingwa uffiċjali **waħda jew aktar iddeterminati** mill-Istat Membru **fejn ikun** stabbilit il-korp notifikat jew inkella b'lingwa uffiċjali **waħda jew aktar** aċċettabbli b'xi mod ieħor għall-korp notifikat.

Emenda 67

**Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-manifattur għandu jfassal dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub għal kull sistema tal-AI u jżommha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal 10 snin wara li s-sistema tal-AI tkun tqiegħdet fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tidentifika s-sistema tal-AI li għaliha tkun tħejjiet. **Fuq talba**, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE **lill-awtoritajiet** nazzjonali kompetenti rilevanti.

Emenda

1. Il-manifattur għandu jfassal dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub għal kull sistema tal-AI u jżommha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal 10 snin wara li s-sistema tal-AI tkun tqiegħdet fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tidentifika s-sistema tal-AI li għaliha tkun tħejjiet. Għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE **lill-awtorità** nazzjonali kompetenti rilevanti **fl-Istat Membru tal-istabbiliment ewlieni tal-fornitur, fuq talba ta' dik l-awtorità kompetenti**.

Emenda 68

**Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sistema tal-AI b'riskju kbir imfassla, żviluppata, imħarrġa, invalidata, ittestjata jew approvata biex titqiegħed fis-suq jew fis-servizz, barra mill-Unjoni tista' tiġi rreġistrata fil-bażi tad-data tal-UE msemmija fl-Artikolu 60 u titqiegħed fis-suq jew fis-servizz fl-Unjoni biss jekk ikun ippruvat li fl-istadji kollha tat-tfassil, l-iżvilupp, it-taħriġ, il-validazzjoni, l-ittestjar jew l-approvazzjoni tagħha, ikunu ġew issodisfati l-obbligi kollha meħtieġa minn tali sistemi tal-AI fl-UE.

Emenda 69

**Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qabel ma tintuża sistema tal-AI b'riskju

kbir msemmija fl-Artikolu 6(2), l-utent jew, meta applikabbli, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jirreġistra l-użi ta' dik is-sistema fil-bażi tad-data tal-UE msemmija fl-Artikolu 60. Għandha timentela entrata ġdida ta' reġistrazzjoni mill-utent għal kull użu ta' riskju kbir tas-sistema tal-AI.

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Is-sandboxes regolatorji tal-AI stabbiliti **mill-awtoritajiet** kompetenti **ta' Stat Membru wieħed jew aktar** jew mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jipprovdu ambjent ikkontrollat li jiffaċilita l-iżvilupp, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' sistemi innovattivi tal-AI għal żmien limitat qabel it-tqegħid tagħhom fis-suq jew fis-servizz skont pjan speċifiku. Dan għandu jsir bis-superviżjoni u l-gwida diretti **tal-awtoritajiet** kompetenti biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u, meta rilevanti, ma' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni u tal-Istati Membri sorveljata fis-sandbox.

Emenda

1. Is-sandboxes regolatorji tal-AI stabbiliti **minn awtorità** kompetenti **waħda jew aktar tal-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni**, jew mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jipprovdu ambjent ikkontrollat li jiffaċilita l-iżvilupp, l-ittestjar u l-validazzjoni **sikuri** ta' sistemi innovattivi tal-AI għal żmien limitat qabel it-tqegħid tagħhom fis-suq jew fis-servizz skont pjan speċifiku. **SMEs, negozji ġodda, intrapriżi, innovaturi jew atturi rilevanti oħra jistgħu jiġu inklużi bħala sieħba fis-sandboxes regolatorji.** Dan għandu jsir bis-superviżjoni u l-gwida diretti **tal-Kummissjoni f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet** kompetenti biex **jiġu identifikati r-riskji, b'mod partikolari għas-saħħa, is-sikurezza u d-drittijiet fundamentali, u** tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u, meta rilevanti, ma' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni u tal-Istati Membri sorveljata fis-sandbox. **Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol komplementari, billi tippermetti lil dawk l-Istati Membri li wrew esperjenza fis-sandboxing jibnu fuq l-għarfien espert tagħhom u, min-naħa l-oħra, tassisti u tipprovdi fehim tekniku u riżorsi lil dawk l-Istati Membri li jfittxu gwida dwar l-istabbiliment u t-tmexxija ta' dawn is-**

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 53 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sa fejn is-sistemi innovattivi tal-AI jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali jew inkella jaqgħu fil-mandat superviżorju ta' awtoritajiet nazzjonali jew awtoritajiet kompetenti oħra li jipprovdu jew jappoġġaw l-aċċess għad-data, l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data u dawk l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra jkunu assoċjati mat-tħaddim tas-sandboxes regolatorji tal-AI.

Emenda

2. L-Istati Membri, ***f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni***, għandhom jiżguraw li sa fejn is-sistemi innovattivi tal-AI jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali jew inkella jaqgħu fil-mandat superviżorju ta' awtoritajiet nazzjonali jew awtoritajiet kompetenti oħra li jipprovdu jew jappoġġaw l-aċċess għad-data, l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data u dawk l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra jkunu assoċjati mat-tħaddim tas-sandboxes regolatorji tal-AI.

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 53 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Is-sandboxes regolatorji tal-AI m'għandhomx jaffettwaw is-setgħat superviżorji u korrettivi tal-awtoritajiet kompetenti. Kwalunkwe riskju sinifikanti għas-saħħa u għas-sikurezza ***u*** għad-drittijiet fundamentali identifikati matul l-iżvilupp u l-ittestjar ta' ***tali*** sistemi għandu jirriżulta f'mitigazzjoni immedjata u, fin-nuqqas ta' din, fis-sospensjoni tal-proċess tal-iżvilupp u tal-ittestjar sakemm isseħħ tali mitigazzjoni.

Emenda

3. Is-sandboxes regolatorji tal-AI m'għandhomx jaffettwaw is-setgħat superviżorji u korrettivi tal-awtoritajiet kompetenti, ***inkluż fil-livell reġjonali jew lokali***. Kwalunkwe riskju sinifikanti għas-saħħa u għas-sikurezza, għad-drittijiet fundamentali, ***għad-demokrazija jew għall-ambjent***, identifikati matul l-iżvilupp u l-ittestjar ta' sistemi ***tal-AI*** għandu jirriżulta f'mitigazzjoni immedjata u, fin-nuqqas ta' din, fis-sospensjoni tal-proċess tal-iżvilupp u tal-ittestjar sakemm isseħħ tali mitigazzjoni.

Emenda 73

**Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri *li jkunu stabbilixxew sandboxes regolatorji tal-AI* għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw fi ħdan il-qafas tal-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali. *Dawn għandhom jippreżentaw* rapporti annwali lill-Bord *u lill-Kummissjoni* dwar ir-riżultati mill-implimentazzjoni ta' *dik l-iskema, inkluż* prattiki *tajbin, tagħlimiet* meħudin u *rakkomandazzjonijiet* dwar il-konfigurazzjoni tagħhom u, meta rilevanti, dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni sorveljata fis-sandbox.

Emenda

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri *u l-Kummissjoni* għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom *fir-rigward tas-sandboxes regolatorji tal-AI* u jikkooperaw fi ħdan il-qafas tal-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali. *Il-Kummissjoni għandha tippreżenta* rapporti annwali lill-Bord *Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali* dwar ir-riżultati mill-implimentazzjoni ta' *dawk l-iskemi, inklużi l-aħjar* prattiki, *l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija komputazzjonali, it-tagħlimiet* meħudin u *r-rakkomandazzjonijiet* dwar il-konfigurazzjoni tagħhom u, meta rilevanti, dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni sorveljata fis-sandbox. *L-SMEs, in-negożji ġodda, l-intrapriżi u innovaturi oħra għandhom ikunu mistiedna jaqsmu l-prattiki tajba tagħhom, it-tagħlimiet meħudin u r-rakkomandazzjonijiet* dwar *is-sandboxes tal-AI tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.*

Emenda 74

**Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 6a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. *Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Programm ta' Ħidma tas-Sandboxing Regolatorju tal-AI tal-UE li l-modalitajiet tiegħu msemmija fl-Artikolu 53(6) għandhom ikopru l-elementi kollha stabbiliti fl-Anness IXa. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina b'mod proattiv mal-awtoritajiet nazzjonali u lokali, meta rilevanti.*

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 55 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Miżuri **għall-fornituri** u għall-utenti **fuq skala żgħira**

Emenda

Miżuri **għall-SMEs, għan-negozji ġodda** u għall-utenti

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jipprovdu **lill-fornituri fuq skala żgħira** u lin-negozji ġodda b'aċċess prijoritarju għas-sandboxes regolatorji tal-AI sal-punt li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà;

Emenda

(a) jipprovdu **lill-SMEs** u lin-negozji ġodda, **stabbiliti fl-Unjoni**, b'aċċess prijoritarju għas-sandboxes regolatorji tal-AI sal-punt li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà;

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jorganizzaw attivitajiet speċifiċi ta' sensibilizzazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imfasslin għall-ħtiġijiet **tal-fornituri** u tal-utenti **fuq skala żgħira**;

Emenda

(b) jorganizzaw attivitajiet speċifiċi ta' sensibilizzazzjoni **u ta' żvilupp tal-ħiliet diġitali mtejba** dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imfasslin għall-ħtiġijiet **tal-SMEs, tan-negozji ġodda** u tal-utenti;

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) meta xieraq, jistabbilixxu **mezz iddedikat għall-komunikazzjoni ma'**

Emenda

(c) **jużaw il-kanali ddedikati eżistenti u** meta xieraq, jistabbilixxu **kanali**

fornituri u ma' utenti fuq skala żgħira u ma' innovaturi oħrajn biex jipprovdu gwida u jwieġbu għal domandi dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

ddedikati ġodda għall-komunikazzjoni mal-SMEs, man-negozji ġodda, mal-utenti u ma' innovaturi oħrajn biex jipprovdu gwida u jwieġbu għal domandi dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) irawmu l-parteċipazzjoni tal-SMEs u ta' partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tal-iżvilupp tal-istandardizzazzjoni.

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi *tal-fornituri fuq skala żgħira* għandhom jitqiesu meta jiġu stabbiliti t-tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 43, u jitnaqqsu dawk it-tariffi b'mod proporzjonat għad-daqs tagħhom u għad-daqs tas-suq.

2. L-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi *tal-SMEs, tan-negozji ġodda u tal-utenti* għandhom jitqiesu meta jiġu stabbiliti t-tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 43, u jitnaqqsu dawk it-tariffi b'mod proporzjonat *għall-istadju tal-iżvilupp*, għad-daqs tagħhom, għad-daqs tas-suq u *għad-domanda tas-suq. Il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod regolari l-kostijiet ta' ċertifikazzjoni u konformità għall-SMEs u għan-negozji ġodda, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet trasparenti mal-SMEs, man-negozji ġodda u mal-utenti u għandha taħdem mal-Istati Membri biex tnaqqas dawn il-kostijiet kemm jista' jkun. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar dawn is-sejbiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala parti mir-rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami ta' dan ir-*

Emenda 81

**Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-Bord għandu jistabbilixxi Kunsill Konsultattiv tal-AI ("il-Kunsill Konsultattiv"). Il-Kunsill Konsultattiv għandu jkun magħmul minn rappreżentanti rilevanti mill-industrija, ir-riċerka, is-settur akkademiku, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jew partijiet terzi maħtura mill-Bord, li jirrappreżentaw lill-Istati Membri kollha biex jinżamm bilanċ ġeografiku. Il-Kunsill Konsultattiv għandu jappoġġa l-ħidma tal-Bord billi jipprovdi pariri relatati mal-kompiti tal-Bord. Il-Kunsill Konsultattiv għandu jinnomina rappreżentant rilevanti, skont il-konfigurazzjoni li fiha jiltaqa' l-Bord, biex jattendi l-laqgħat tal-Bord u jipparteċipa fil-ħidma tiegħu. Il-kompożizzjoni tal-Kunsill Konsultattiv u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Bord għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.

Emenda 82

**Proposta għal regolament
Annes I – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) Approċċi statistiċi, stima Bayesjana, metodi ta' tiftix u ottimizazzjoni.

(c) Approċċi statistiċi **għat-tagħlim u l-inferenza**, stima Bayesjana, metodi ta' tiftix u ottimizazzjoni.

Emenda 83

Proposta għal regolament Anness IXa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNEX IXa

MODALITAJIET GĦAL PROGRAMM TA' ĦIDMA TA' SANDBOXING REGOLATORJU TAL-AI TAL-UE

- 1. Is-Sandboxes Regolatorji tal-AI għandhom ikunu parti mill-Programm ta' Ħidma ta' Sandboxing Regolatorju tal-AI ("programm tas-sandboxing") li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri.*
- 2. Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol komplementari, billi tippermetti lil dawk l-Istati Membri li jkunu wrew esperjenza fis-sandboxing jibnu fuq l-għarfien espert tagħhom u l-għarfien espert tal-partijiet ikkonċernati rilevanti mill-industrija, mill-SMEs, mis-settur akkademiku u mis-soċjetà ċivili u, min-naħa l-oħra, tassisti u tipprovdi fehim tekniku u riżorsi lil dawk l-Istati Membri li jfittxu gwida dwar l-istabbiliment ta' dawn is-sandboxes regolatorji.*
- 3. Il-kriterji għall-aċċess għas-sandbox regolatorja għandhom ikunu trasparenti u kompetittivi.*
- 4. Il-partiċipanti fil-programm tas-sandboxing, b'mod partikolari l-fornituri fuq skala żgħira, jingħataw aċċess għal servizzi ta' qabel il-varar, bħar-reġistrazzjoni preliminari tas-sistema tal-AI tagħhom, servizzi ta' appoġġ tal-konformità tar-Riċerka u l-Iżvilupp, u l-elementi l-oħra kollha rilevanti tal-ekosistema tal-AI tal-Unjoni u inizjattivi oħra tas-Suq Diġitali Uniku bħall-Faċilitajiet tal-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni, Hubs Diġitali, Ċentri ta' Eċċellenza, u kapajiet ta' valutazzjoni komparattiva tal-UE; u għal servizzi oħra li jżidu l-valur bħal*

dokumenti ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni, konsultazzjoni u appoġġ biex isiru valutazzjonijiet tal-impatt tas-sistemi tal-AI għad-drittijiet fundamentali, għall-ambjent jew għas-soċjetà inġenerali, pjattaforma soċjali online għall-komunità, bażijiet tad-data ta' kuntatt, portal eżistenti għall-offerti u l-ħolqien ta' għotjiet u listi ta' investituri tal-UE.

5. Il-programm tas-sandboxing għandu, f'fażi ta' żvilupp aktar tard, ikollu l-għan li jassisti lill-Istati Membri jiżviluppaw u jiġġestixxu żewġ tipi ta' sandboxes regolatorji: Sandboxes Regolatorji Fiżiċi għal sistemi tal-AI inkorporati fi prodotti jew servizzi fiżiċi u Sandboxes Regolatorji Ċibernetiċi għal sistemi tal-AI mħaddma u użati indipendentement, mhux inkorporati fi prodotti jew servizzi fiżiċi.

6. Il-programm tas-sandboxing għandu jaħdem mal-Hubs tal-Innovazzjoni Diġitali diġà stabbiliti fl-Istati Membri biex jipprovdi punt ta' kuntatt dedikat għall-intraprendituri biex iqajmu domandi mal-awtoritajiet kompetenti u biex ifittxu gwida mhux vinkolanti dwar il-konformità ta' prodotti, servizzi jew mudelli tan-negożju innovattivi li jinkorporaw it-teknoloġiji tal-AI.

7. Wieħed mill-objettivi tal-programm tas-sandboxing huwa li jippermetti l-konformità tad-ditti ma' dan ir-Regolament fl-istadju tad-disinn tas-sistema tal-AI ("konformità mid-disinn"). Biex jagħmel dan, il-programm għandu jiffaċilita l-iżvilupp ta' għodod tas-software u infrastruttura għall-ittestjar, għall-analiżi komparattiva, għall-valutazzjoni u għall-ispjegazzjoni tad-dimensjonijiet tas-sistemi tal-AI rilevanti għas-sandboxes, bħall-akkuratezza, ir-robustezza u ċ-ċibersigurtà kif ukoll il-minimizzazzjoni tar-riskji għad-drittijiet fundamentali, l-ambjent u s-soċjetà

inġenerali.

8. *Il-programm tas-sandboxing għandu jiġi varat f'fażijiet, bil-fażijiet varji jkunu mnedija mill-Kummissjoni wara s-suċċess tal-fażi preċedenti.*

9. *Il-programm tas-sandboxing se jkollu proċedura tal-valutazzjoni tal-impatt inkorporata biex jiffaċilita r-rieżami tal-kosteffettività mal-objettivi diġà miftiehma. Din il-valutazzjoni għandha tiġi abbozzata b'input mill-Istati Membri abbażi tal-esperjenzi tagħhom u għandha tiġi inkluża bħala parti mir-Rapport Annwali sottomess mill-Kummissjoni lill-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali.*

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Regoli armonizzati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u emenda ta' ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni	
Referenzi	COM(2021)0206 – C9-0146/2021 – 2021/0106(COD)	
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 7.6.2021	LIBE 7.6.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 7.6.2021	
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	16.12.2021	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Eva Maydell 11.1.2022	
Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	16.12.2021	
Eżami fil-kumitat	21.3.2022	
Data tal-adozzjoni	14.6.2022	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 61 - : 2 0 : 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Michael Bloss, Marc Botenga, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Nicola Danti, Pilar del Castillo Vera, Martina Dlabajová, Christian Ehler, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Christophe Grudler, Henrike Hahn, Robert Hajšel, Ivars Ijabs, Romana Jerković, Seán Kelly, Łukasz Kohut, Zdzisław Krasnodębski, Andrius Kubilius, Thierry Mariani, Marisa Matias, Eva Maydell, Iskra Mihaylova, Dan Nica, Angelika Niebler, Niklas Nienaaß, Mauri Pekkarinen, Mikuláš Peksa, Tsvetelina Penkova, Morten Petersen, Pina Picierno, Clara Ponsatí Obiols, Manuela Ripa, Robert Roos, Sara Skyttedal, Maria Spyraiki, Patrizia Toia, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Franc Bogovič, Andrea Caroppo, Jakop G. Dalunde, Jens Gieseke, Klemen Grošelj, Elena Kountoura, Marian-Jean Marinescu, Dace Melbārde, Dominique Riquet, Rob Rookan, Susana Solís Pérez	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Alessandra Basso, Bas Eickhout, Carlo Fidanza, Rob Rookan	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

61	+
ECR	Carlo Fidanza, Zdzisław Krasnodębski, Dace Melbārde, Rob Rooken, Robert Roos
ID	Alessandra Basso, Thierry Mariani
NI	Clara Ponsatí Obiols
PPE	François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Franc Bogovič, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Andrea Caroppo, Maria da Graça Carvalho, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Jens Gieseke, Seán Kelly, Andrius Kubilius, Marian-Jean Marinescu, Eva Maydell, Angelika Niebler, Sara Skyttedal, Maria Spyraki, Pernille Weiss
RENEW	Nicola Danti, Martina Dlabajová, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Iskra Mihaylova, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Dominique Riquet, Susana Solís Pérez
S&D	Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Romana Jerković, Łukasz Kohut, Dan Nica, Tsvetelina Penkova, Pina Picierno, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho
THE LEFT	Elena Kountoura
VERTS/ALE	Michael Bloss, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Bas Eickhout, Henrike Hahn, Niklas Nienaaß, Mikuláš Peksa, Manuela Ripa

2	-
THE LEFT	Marc Botenga, Marisa Matias

0	0

It-tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet